# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Etienne Pierre Mallia**

**Kumpilazzjoni Numru: 679/2012**

**Illum, 26 ta' Gunju, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Etienne Pierre Mallia detentur tal-karta tal-identita` numru 99276M.

Akkuzat talli:

> F'dawn il-Gzejjer, bejn it-13 u l-14 ta' Awwissu 2011, F'San Pawl il-Bahar f'xi hin volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` ghamel xi hsara f'karozza tal-ghamla Opel Tigra bin-numru tar-registrazzjoni LEN444 liema hsara tammonta ghal aktar minn 233 Euros u anqas minn 1165 Euros ghad-dannu ta' Leonard Ellul Bonici.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza; u

Semghet ix-xhieda kollha u t-tattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat hsarat fuq karrozza tal-marka Opel Tigra proprjeta` tal-parte civile Leonard Ellul Bonici li ghamel rapport li bejn it-tlettax (13) u l-erbatax (14) ta’ Awwissu elfejn u hdax (2011), l-imputat allegatament waddab gebla fuq il-karrozza tieghu wara li dan kien ipparkjat f’San Pawl il-Bahar u beda jpaqpaqlu sabiex ikun jista’ johrog.

Illi din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tisma’ ix-xiehda kollha fosthom tal-parte civile li rrakonta dan l-akkadut, izda b’mod partikolari tat-tellar Horace Bianco li huwa nnega kompletament li qatt hadem fuq il-karrozza tal-parte civile u wisq anqas hareg l-ircevuta fiskali esebita mill-parte civile u li tinsab a fol hamsa u erbghin (45) tal-process.

Illi fix-xiehda tieghu huwa esebixxa l-ircevuta originali li ggib l-istess numru serjali u li tidher li dik esebita mill-parte civile kellha kliem mizjud biex tirrifletti

l-karrozza tieghu u zied jghid illi l-istess parte civile; li kien l-accountant tieghu; kien diga` ghamilielu darba ohra li ffalsifikalu il-ktieb tal-ircevuti.

Illi finalment semghet ix-xiehda tal-imputat Etienne Pierri Mallia li kategorikament cahad illi huwa qatt ghamel dak kollu li qal il-parte civile li kien ghamel.

Illi minghajr hafna dilungar din il-Qorti ma temmen xejn il-verzjoni tal-parte civile li ghal xi raguni kellu ghalfejn jigdeb fuq l-imputat u fejn ukoll gie mgiddeb minn xhud tieghu stess li qatt ma kien sewwa l-hsarat fuq il-vettura tieghu li fuqha qal li saru l-hsarat mill-imputat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Etienne Pierre Mallia hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u ghalhekk tilliberah minnha.

Il-Qorti inoltre tordna li abbazi dak li ntqal aktar il-fuq f'din is-sentenza, jittiehdu passi kriminali kontra Leonard Ellul Bonici.

____________________________________

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**